**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Salvatore Laferla**

**Kumpilazzjoni numru 1430/2011**

**Illum 27 ta' Novembru, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Salvatore Laferla** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 735753 (M) billi huwa akkuzat talli:

Nhar l-10 t'Ottubru 2011 u zminijiet qabel f'dawn il-gzejjer, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ha interess privat f'affari li dwarha kien inkarigat li jaghti ordinijiet, jaghmel likwidazzjonijiet, rangamenti jew hlasijiet ta' kull xorta li jkunu.

Aktar talli fl-istess zmien u cirkostanza bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entità ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu.

Aktar talli fl-istess zmien u cirkostanza bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, meta jikteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, ibiddel bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi jnizzel pattijiet diversi minn dawk li jkunu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi jiddikjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma jkunux.

Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanza bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l-kariga jew l-impieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

Ukoll talli, fl-istess zmien u cirkostanza sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jewta taghrif falz.

Talli ukoll fl-istess zmien u cirkostanza minghajr awtorizazzjoni uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex tidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew tuza, tikkopja jew timmodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg.

Talli wkoll fl-istess zmien u cirkostanza minghajr awtorizazzjoni installa, nehha, biddel, ghamel hsara, hassar, iddeterjora, razzan, qered, varja jew zzid ma' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 21 ta' Marzu, 2013 (esebita a fol. 170 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

- Fl-Artikoli 17, 18, 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 125 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 127 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 180 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 337C (a) u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta' Novembru, 2013 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

**KUNSIDERAZZJONIJIET GENERALI**

Il-Qorti qabel tidhol fid-dettal legali dwar dan il-kaz taghmilha cara li dan il-kaz nibet biss minhabba kwistjoni ta' pika bejn l-imputat kummissjonant tal-funerali u kompetitrici li pretendiet li kellha terga' tigi nkarigata mill-funeral tar-ragel galadarba hija kienet inkarigata mill-funeral tal-mara.  Hija prassi li qraba ta' persuna li thalli din id-dinja

f'mument tant sensittiv ghalihom jispiccaw ibbumbardjati minn persuni varji biex jiehdu s-servizz huma.

Il-Qorti lanqas tifhem kif l-Awtoritajiet tas-Sahha ta' dak iz-zmien taw permess lill-imputat li kien impjegat fic-Cimiterju tal-Addolorata li jahdem ta' kummissjonant tal-funerali. Dan hu nuqqas ta' ghaqal minn min hariglu l-permess biex jaghmel dan meta kien impjegat tac-civil jahdem fl-istess Cimiterju. In-nuqqas ta' ghaqal ta' min hareg il-permess iwassal ghal allegazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess u bir-ragun li jqumu suspetti bhal f'dan il-kaz.

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew fl-2011.

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw*

*it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

*Huwa minnu illi l-każ kien x'aktarx kompless u kien jeħtieġ ċerta tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtieġa biex il-proċess, mhux jintemm, iżda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareġ l-att ta' akkuża. Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-gbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela*

*ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu r-riżorsi kollha meħtieġa biex jista' jimxi b'ħeffa u b'efficjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal- ġustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

**Preliminari**[2]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha. Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

[2] Il-Qorti qeghda tibbaza din l-ewwel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju

dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u l-Artikoli ndikati mill-Avukat Generali u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara

x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Xhieda fil-Qorti u *viva voce***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Joseph Bartolo*** tad-9 ta' Settembru 1999[3] il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet li l-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza hija obbligata li tisma' "fil-qorti u *viva voce*" (artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali) ix-xhieda mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Dan isir sabiex il-gudikant jaghmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skont l-artikoli 637, 638 u 639 tal-imsemmi Kodici, u, billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrizultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat. Wiehed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzjoni tieghu dwar x'jemmen jew x'ma jemminx minn dak li jghid xhud hu dak ta' "l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud" (artikolu 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda. Biex dan il-kriterju jkun jista' jigi applikat hu evidenti li l-magistrat ghandu jisma' b'widnejh u jara b'ghajnejh lix-xhud jiddeponi. Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza, jista' joqghod fuq deposizzjonijiet migjuba bil-miktub,

[3]Ara wkoll, is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro*** *(02.09.1999),* ***Il-Pulizija v. Sebastian Dalli*** *(17.03.2010),* ***Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Ellul Sullivan*** *(17.03.2010).*

bhal, per ezempju, fil-kaz ta' certifikati ta' tobba akkumpanjati minn affidavit (artikolu 646(7)). Però r-regola hi li l-gudikant tal-prim istanza ghandu jisma' hu x-xhieda biex ikun verament f'posizzjoni li jaghti gudizzju skont il-ligi.

Illi f'dak il-kaz il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkonkludiet li n-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalità, sostanzjali jew xort'ohra u li tali nuqqas kien jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha adoperata mill-Qorti tal-Magistrati.

Is-sentenza ta' *Bartolo* kienet ghamlet rizerva ghas-sitwazzjonijiet kontemplati fil-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali li jinkludi dik meta x-xhud ikun telaq minn Malta. Ghalkemm il-posizzjoni pjuttost akkademika delineata fis-sentenza ta' *Bartolo* ma gietx applikata b'mod rigidu fil-gurisprudenza sussegwenti. Per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Ludgardo sive Richard Attard*** *(01.11.2013)* il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet distinzjoni bejn bdil fil-Magistrat f'kawzi fejn (i) ma jkunux qed jigu rregistrati x-xhieda u jkun hemm kwistjoni amministrattiva biss; (ii) kawzi fejn ix-xhieda ma tkunx qed tigi rregistrata u jkun hemm punti fattwali; u (iii) kawzi fejn ix-xhieda tkun giet registrata kollha. Il-Qorti osservat li huwa biss f'kawzi li jaqghu taht it-tieni kategorija li l-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tilqa' talba ghat-tahsir tas-sentenza minhabba li l-Qorti ma

jkollhiex ghad-disposizzjoni taghha xhieda registrata ta' dak li jkunu ddeponew xhieda li nstemghu minn Magistrat iehor.[4]

**<u>Din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni vantaggjuza bhal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda jixhdu *viva voce* quddiemha, u ghalhekk mhix f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Din il-Qorti kif preseduta hadet konjizzjoni ta' dan il-kaz wara l-assenjazzjoni tat-30 ta' Gunju 2015.</u>**

Il-Qorti kif presjeduta ma hijiex f'pozizzjoni tevalwa x-xiehda <u>kollha</u> skont il-kriterji msemmija fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u se tevalwa tali xhieda li ma semghetx hi b'kawtela u attenzjoni kbira.

**XHIEDA**

Spettur Jurgen Vella *a fol.* 11 *et. Seq.*, Mario Cassar *a fol.* 77 *et. Seq.*, Paul Micallef *a fol.* 81 *et. Seq.*, Stefan Cassar *a fol.* 84 *et. Seq.*, Claudia Agius *a fol.* 86 *et. Seq.*, Stefan Saliba *a fol.* 93 *et. Seq.*, Lucianne Rosso *a fol.* 108 *et. Seq.*, Keith Caruana *a fol.* 114 *et. Seq.*, Michelle Colombo *a fol.* 119 *et. Seq.*, Mario Cassar *a fol.* 130 *et. Seq.*, Paul Micallef *a fol.* 133 *et. Seq.*, Claudia Agius *a fol.* 136 *et. Seq.*, Spettur Jurgen Vella *a fol.* 145 *et. Seq.*, Spiridione

[4] *Vide* wkoll, *passim*, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Emanuel Debrincat*** *(30.03.2012)*, u z-zewg sentenzi fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Marco Debono et.*** *(21.06.2013 – app. nri. 253/2012 u 254/2012).*

Zammit *a fol.* 147 *et. Seq.*, Stephen Cassar *a fol.* 152 *et. Seq.*, John Bray *a fol.* 162 *et. Seq.*, Connie Azzopardi *a fol.* 168 *et. Seq.*, Pacifico Agius *a fol.* 173 *et. Seq.*, Joanne Gabriele *a fol.* 178 *et. Seq.*, Mario Cassar *a fol.* 188 *et. Seq.*, Stephen Cassar *a fol.* 192 *et. Seq.*, Paul Micallef *a fol.* 194 *et. Seq.*, John Bray *a fol.* 199 *et. Seq.*, Claudia Agius *a fol.* 202 *et. Seq.*, Paul Micallef *a fol.* 204 *et. Seq.*, Lawrence Agius *a fol.* 222 *et. Seq.*, Joan Gabriele *a fol.* 230 *et. Seq.*, Salvatore Laferla *a fol.* 337 *et. Seq.*, Malcolm Micallef *a fol.* 361 *et. Seq.*, Paul Bezzina *a fol.* 372 *et. Seq.*

**Il-fatti specie tal-kaz**

Il-kaz jikkoncerna zewg difniet: id-difna Salvina *sive* Sally Agius, li giet midfuna nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u dik ta' Joseph Agius, li ndifen nhar il-hdax (11) t'Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011). Kemm id-dfin tas-Sinjura Agius u kif ukoll dak tas-Sur Agius kienu saru fil-qabar tal-Familja Agius stess, fil-qabar bir-referenza: *West HA-A-4- grave reference 3061*. Il-qabar in kwistjoni (West HA-A-4- grave reference 3061 gewwa c-Cimiterju tal-Addolorata) kien proprjeta' ta' Joseph Agius kif indikat mill-*burial note*[5]. Irrizulta li l-kummissjonanti tal-funeral tas-Sur Agius kienu l-imputat u l-*partner* tieghu Lucienne Rosso, filwaqt li l-kummissjonanta nkarigata mill-funeral ta' Sally Agius kienet Michelle Colombo. Wara l-funeral u d-dfin tas-Sur Agius, Michelle Colombo ghamlet ilment dwar nuqqas ta' konformita' mar-regolamenti ghal dak li jirrigwarda d-dfin ta' Joseph Agius.

[5] a fol 20

Il-pulizija bdiet tinvestiga dan il-kaz wara rapport li kien sar fil-31 t'Ottubru tal-2011 minn Mario Cassar, Senior Principal Environmental Health Officer u minn Paul J. Micallef, amministratur tat-taqsima tal-amministrazzjoni tad-dfin fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha. Dawn kif irrapurtaw illi wiehed mill-impjegati fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha, li jahdem bhala skrivan gewwa c-Cimiterju tal-Addolorata kien awtorizza li ssir difna f'qabar meta din ma kellhiex tkun awtorizzata. Huma kkonfermaw li saru jafu bl-akkadut minnghand kummisjonant certu Michelle Colombo.

Fuq dan ir-rapport il-pulizija kienu ghamlu l-istharrig taghhom fejn irrizulta li l-informazzjoni li kienet iddahlet fis-sistema kompjuterizzata tac-cimiterju, fejn jiddahlu r-rekords tad-dfin, fuq din id-difna partikolari tad-decedut bl-isem ta' Joseph Agius, kienet iddahhlet mill-imputat Salvatore Laferla li kien *supervisor* gewwa c-Cimiterju tal-Addolorata.

Mix-xhieda li ta Stephen Cassar impjegat tal-MITA u Stefan Saliba bhala mpjegat tal-kumpanija Locus irrizulta li s-sistema ghalkemm kellha xi difetti zghar, l-informazzjoni li kienet tiddahhal mill-utenti tas-sistema kien b'mod manwali u din ma setghet qatt tinbidel b'mod awtomatiku mis-sistema stess. Kull rekord li kien jiddahhal fis-sistema, ma kienx ikkrejat mis-sistema izda jiddahhal mill-iskrivani tac-cimiterju li huma nkarigati li jaghmlu dan ix-xoghol.

L-imputat fl-istqarrija tieghu u anke fix-xhieda li ta jirrizulta li l-informazzjoni fuq din id-difna kien dahhalha huwa stess. Din il-

verzjoni giet ikkollaborata mid-dokumenti li gew prezenti fl-atti fejn juru rekords ta' dan il-qabar fejn sar id-dfin li kellhu numru West HA-A-4.

Mix-xhieda ta' Mario Cassar u Paul J. Micallef hareg li d-difna ma setghetx isir f'dan il-qabar partikolari minnhabba ragunitajiet sanitarji ghaliex l-ahhar difna qabel id-difna tad-decedut Agius, kienet saret fis-saff ta' fuq imsejjah superjuri. Ma kinitx ghadha ghaddiet sena mid-difna precedenti u kien ghalhekk li ma setax isir dfin fl-istess saff ta' dan il-qabar.

Mir-rekords tas-sistema jidher li l-informazzjoni tad-difna precedenti li tindika li saret fis-saff superjuri giet mibdula u giet tindika li saret fil-livell medju biex b' hekk setgha jsir dfin fil-livell superjuri.

Skont Stephen Cassar kif ukoll skont Stefan Saliba dan it-tibdil ma sarx b'mod awtomatiku izda gie ddokumentat li sar minn Salvatore Laferla nhar l-10 t' Ottubru 2011 ghal habta ta' 06:55hrs.

L-imputat huwa wkoll kummisjonant u din id-difna saret minnu.

L-akkuzi jinkwadraw mat-tibdil li sar fis-sistema kompjuterizzata.

Il-Prosekuzzjoni ssostni li dan it-tibdil fis-sistema sar bi skop ghaliex l-imputat ha interess privat u li jagixxi ta' kummisjonant f'affari li kien inkarigat li jaghmel bhala impjegat tal-gvern fic-Cimiterju tal-Addolorata. L-inkarigu tieghu kien li jiccekja mas-sistema li dfin f'dak

il-qabar partikolari ma setghax isir u mhux jidhol fis-sistema sabiex jimmodifika r-rekords biex dan id-dfin ikun jista jsehh.

L-imputat jghid li dahhal l-informazzjoni fis-sistema u li kien inkarigat bhala kummisjonant sabiex jiehu hsieb id-dfin tad-decedut. L-imputat dejjem cahad il-fatt li t-tibdil kien ghamlu hu. L-imputat jishaq li s-sistema kellha diversi difetti u kienet is-sistema li bidlet l-informazzjoni u mhux hu.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI

### <u>L-ewwel imputazzjoni</u>

**Abbazi tal-Artikolu 127 tal-Kapitolu 9**

L-akkuzi principali migjuba fil-konfront tal-imputat jikkoncernaw l-allegat vantagg finanzjarju li l-imputat kiseb mid-difna ta' Joseph Agius u dana billi ha interess personali jew privat minn sitwazzjoni li dwarha kien inkarigat li jaghti ordnijiet, jaghmel likwidazzjonijiet, arrangamenti jew hlasijiet ta' kull xorta li jkunu bhala impjegat pubbliku.

L-elementi sabiex imputat ma jinstabx hati tar-reat ta' aproprijazzjoni indebita japplikaw ukoll in kwantu jirrigwarda r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 127 fejn id-*dolo* mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficcjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex

jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif jghid il-Professur Mamo:

> *"Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain."*

> *"Embezzlement is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."*

Jidher ghalhekk illi l-*mens rea* fil-kummissjoni ta' dan ir-reat huwa l-intenzjoni tal-ufficcjal pubbliku li jaghmel uzu hazin mill-oggett ikkonsenjat lilu u dana b'mod frawdolenti sabiex b'hekk huwa jaghmel qliegh personali mill-istess. Illi kif intqal aktar 'il fuq fil-kaz odjern ma gietx pruvata l-intenzjoni specifika li l-imputat jaghmel xi forma ta' qliegh. Lanqas ma gie pruvat li huwa ghamel uzu hazin jew frawdolenti tal-computer fil-pussess tieghu sabiex jikseb xi vantagg personali.

Ghalhekk l-imputat gie akkuzat talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika <u>xjentement</u> ghamel uzu minn dokument falz. Il-Kodici Kriminali fid-definizzjoni tar-reati li jaqghu taht l-intestatura ta' falsifikazzjoni ta' skritturi pubblici jew privati, ma jaghmel ebda

referenza ghat-tip ta' intenzjoni rikjest ghall-ezistenza ta' dawn ir-reati, salv ghall-**Artikolu 180 tal-Kap 9**. Pero' dan ma jfissirx li fir-reati li jaqghu taht din l-intestatura d-*dolus* mhux necessarju.

Fil-fatt fin-noti tieghu l-**Professur Mamo** jghid is-segwenti:

> "*an intention merely to deceive, that is to represent as genuine a document which is known to be false, is sufficient...or perhaps more correctly it can be said that the intention to defraud or alter the rights of others does not require to be proved, because such intention is presumed by the law from the very fact of the forgery of the document in any one of the manners specified by law.*"

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Charles Lebrun</u>** (1945) gie deciz li:-

> "*trattandosi ta' dokumenti pubblici falsifikati, il-fatt stess tal-falsifikazzjoni jikkostitwixxi l-ingann u l-hsara, jigifieri l-vjolazzjoni tal-fiducja li tinghata lid-dokument pubbliku.*"

Fis-sentenzi wkoll moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Rex v Buttigieg</u>** ***(1943),*** **<u>Rex v Agius</u>** (1943) u **<u>Rex v Kent Justices</u>** (1943), imsemmija fil-ktieb **Recent Criminal Cases Annolated tal-Imhallef Harding** (pg. 56, 66 rispettivament) gie enuncjat l-istess principju u cioe' li peress li mhux necessarju l-potenzjalita' li tikkreja hsara fid-dokument pubbliku li gie falsifikat, ma hija l-ebda difiza li tghid li dak li ottjena l-persuna b'dak li ffalsifika kien intitolat ghalih.

Il-**Professur Mamo** jghid li l-importanti huwa li:

*"the document must appear upon the face of it to have been made to resemble the true instrument, not necessarily or exact resemblance, but such as to be capable of deceiving persons using ordinary observations according to their means of knowledge."*

**Xjentement (*Knowingly*)**

Fir-rapport dwar il-kaz **Taylor's Central Garages (Exeter) Limited v Roper**[6] Devlin J jaghti numru ta' osservazzjonijiet dwar it-tifsira tal-kelma xjentament "*knowingly*" u kif tkun stabbilita x-xjenza f'kaz kriminali:

*"It seems to me to be very important in cases of this sort that lay justices, who are not necessarily very skilled in the handling of evidence and in the drawing of distinctions which the law requires to be drawn, should have explained to them by the prosecution, where the burden is on the prosecution, exactly what sort of knowledge the prosecution desires to be found. There are, I think, three degrees of knowledge which it may be relevant to consider in cases of this sort. The first is actual knowledge, and that the justices may infer from the nature of the act that was done, for no man can prove the state of another man's mind, and they may find it, of course, even if the defendant gives evidence to the contrary. They may say: 'We do not believe him. We think that was his state of mind.' They may feel that the evidence falls short of that, and, if they do, they have then to consider what might be described as knowledge of the second degree. They have then to consider whether what the defendant was doing was, as it has been*

[6] Local Government Review Reports volume 115, page 445

*called, shutting his eyes to an obvious means of knowledge. Various expressions have been used to describe that state of mind. I do not think it is necessary to describe it further, certainly not in cases of this type, than by the phrase that was used by Lord Hewart CJ, in a case under this section, Evans v Dell (1). What the Lord Chief Justice said was: 'The respondent deliberately refrained from making inquiries, the results of which he might not care to have.'*

*"The third sort of knowledge is what is generally known in law as constructive knowledge. It is what is encompassed by the words 'ought to have known' in the phrase 'knew or ought to have known.' It does not mean actual knowledge at all, it means that the defendant had in effect the means of knowledge. When, therefore, the case of the prosecution is that the defendant failed to make what they think were reasonable inquiries it is, I think, incumbent on the prosecutor to make it quite plain what they are alleging. There is a vast distinction between a state of mind which consists of deliberately refraining from making inquiries, the result of which the person does not care to have, and a state of mind which is merely neglecting to make such inquiries as a reasonable and prudent person would make. If that distinction is kept well in mind, I think justices will have less difficulty in determining what is the true position. The case of shutting the eyes is actual knowledge in the eyes of the law; the case of merely neglecting to make inquiries is not actual knowledge at all, but comes within the legal conception of constructive knowledge, which is not a conception which, generally speaking, has any place in the criminal law."*[7]

[7] Ibid. pg 449

Il-*Crown Prosecution Service* (CPS) jaghti din l-ispjega ta' "knowledge":

> *Implied knowledge for the summary offences includes actual subjective knowledge proven by evidence but it may also include wilful blindness. It is always open to a tribunal of fact to base a finding of knowledge on evidence that the defendant had deliberately shut his eyes to the obvious or refrained from inquiry because he suspected the truth but did not want to have his suspicion confirmed* ***Westminster City Council v Croyalgrange Ltd*** *83 Cr. App. R.155.*
>
> *In* ***Flintshire CC v Reynolds*** *[2006] EWCH 195 (Admin) it was alleged that Mrs Reynolds had knowingly produced information she knew to be false in a material particular for the purpose of obtaining a benefit or other payment or advantage. Mrs Reynolds evidence was that she signed the form completed by her husband without reading it. It was held that constructive knowledge is not enough to demonstrate that something has been done knowingly in the context of a criminal statute (in this instance section 112 SSAA 1992).*

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell fl-Ingilterra fl-ismijiet ***Regina vs Hilda Gondwe Da Silva*** il-kelma suspett inghatat is-segwenti tifsira:

> ***"The word suspect means that the defendant must think that there is a possibility, which is more than fanciful, that the relevant facts exist. A vague feeling of unease would not suffice."***

Il-kelma '*xjentement*' fl-akkuza odjerna hawnhekk tfisser li jrid ikun hemm kemm intenzjoni specifika kif ukoll dik generika. **Manzini** fil-

fatt jaghti spjegazzjoni taz-zewg tipi ta' *mens rea* f'dan id-dolo. Huwa jsostni li:

> "*il dolo generico consiste nella volonta` <u>cosciente</u> e <u>libera</u> e nell'<u>intenzione</u> di <u>compiere</u> la falsificazione <u>sapendo</u> di agire senza diritto*",

Filwaqt li:

> "*dolo specifico ha come fine di procurare a se o ad altrui un vantaggio o di recare ad altri un danno.*"

Ir-reat in ezami jirrikjedi l-element intenzjonali. Il-Ligi tirrikjedi li l-agent ikun **xjentement** ghamel dikjarazzjoni falza. Kif qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta:

> *Il-kelma 'xjentement' .... tfisser li jrid ikun hemm kemm intenzjoni specifika kif ukoll dik generika. Manzini fil-fatt jaghti spjegazzjoni taz-zewg tipi ta' mens rea f'dan id-dolo. Huwa jsostni li: "il dolo generico consiste nella volonta` cosciente e libera e nell'intenzione di compiere la falsificazione sapendo di agire senza diritto", filwaqt li: "dolo specifico ha come fine di procurare a se o ad altrui un vantaggio o di recare ad altri un danno.*[8]

Huwa principju fundamentali fil-ligi Kriminali u ben ribadit fil-gurisprudenza taghna li sabiex wiehed jinstab hati ta' reat, mhux bizzejjed illi jigi ppruvat l-element materjali izda huwa necessarju li jigi ppruvat l-element formali*: Actus Non Facit Reum Nisi Mens Sit Rea.* Fis-

[8] Il-Pulzija vs Raimondo Farugia deciza 20.09.2015.

sentenza ***il-Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), il-Qorti tal-Appell qalet li:

> *huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali.*[9]

Il-prosekuzzjoni allegat li saret xi forma ta' tip ta' pressjoni da parti tal-imputat fuq Claudia Agius, li mix-xhieda taghha rrizulta b'mod car li ma kien hemm l-ebda pressjoni mill-imputat sabiex il-familja Aguis tqabbad lilu bhala kummisjonant ghall-funeral u d-difna ta' Joseph Agius. Ix-xhud kategorikament tghid li kienet hi li avvicinat lill-imputat Laferla meta mistoqsija mill-Pulizija ghaliex hija ma qabditx lill-ewwel *undertaker*.[10] Ix-xhud tghid li:

> *Xhud: Jiena ma hassejtnix li ghandi nqabbad l-istess wahda, jiena m'ghandi obbligu lejn hadd u m'hemmx monopolju fuqha din il-haga.*[11]

Ix-xhieda ta' Claudia Agius dejjem kienet wahda cara u inekwivokkabli. Illi wkoll, fuq dan il-punt, il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova li b'xi mod ikkontradixxiet dak li stqarret ix-xhud *viva voce*. Isegwi ghalhekk illi ma kien hemm l-ebda agir jew ghemil da parti tal-imputat li minnu

---

[9] Deciza nhar il-31.05.2001.
[10] Seduta tat-23 ta' Lulju 2012.
[11] Ibid.

seta' akkwista xi tip ta' vantagg fuq il-funeral u d-dfin ta' Joseph Agius u b'hekk jagevola l-allegat interess privat tieghu, *kienet l–istess Claudia Agius li avvicinat lill-imputat*.[12]

Ghal dak li jirrigwarda x-xoghol tieghu bhala kummissjonant tal-funerali, l-imputat fix-xhieda tieghu nhar is-7 t'Ottubru 2016, jghid illi kien huwa stess li kien applika biex jahdem bhala kummisjonant u li sahansitra anke kellu l-awtorizzazjoni minghand il-persuni u/jew entitajiet relattivi sabiex ikun jista jaghmel dan it-tip ta' xoghol.[13] L-imputat tant kien jipprattika dan ix-xoghol fid-dawl tax-xemx u bil-konsapevolezza tas-superjuri tieghu li sahansitra anke kien ha hsieb il-funeral ta'mart wiehed mill-kollegi tieghu Lawrence Agius li anke xehed f'dawn il-proceduri nhar is-26 ta' Novembru 2012.[14] Li kieku dan ix-xoghol kien qed jaghmlu bil-mohbi jew minghajr l-approvazzjoni tas-superjuri tieghu, certament li l-imputat ma kienx ser jintriga li jiehu hsieb funeral tal-familjari tal-kollegi tieghu meta dawn setghu facilment jinfurmaw lis-superjuri taghhom bli kien qed jaghmel.

Illi fil-kaz odjern, m'ghandniex sitwazzjoni fejn il-familjari marru l-Addolarata, fejn kumbinazzjoni sabu lill-imputat li wkoll inzerta jahdem ic-cimiterju bhala ufficcjal pubbliku u l-imputat impona s-servizzi privati tieghu fuq il-familjari tal-imsemmi Agius, *imma kienu l-familjari tal-mejjet li avvicinaw lil Salvatore Laferla.* Mix-xhieda rrizulta li d-difna mertu tal-kaz kienet saret bil-permessi kollha mahruga u skont il-prassi li dejjem intuzat fid-dfin gewwa c-Cimiterju tal-Addolorata. Illi ghalhekk, bl-ebda

12 a fol 202
13 Seduta tas-7 t'Ottubru 2016.
14 a fol 155 et seq.

mod ma jista' jinghad illi x-xoghol tal-imputat fic-Cimiterju tal-Addolarata b'xi mod agevolah biex jiehu karigu mill-funeral u d-dfin ta' Joseph Agius.

Illi l-ewwel imputazzjoni ma gietx pruvata mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk se jigi liberat mill-imsemmija akkuza.

**<u>It-tieni, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet</u>**

**L-allegat uzu hazin ta' dokumenti u computer/taghmir jew apparat iehor fdati lill-imputat bhala ufficcjal pubbliku minhabba l-kariga/impieg tieghu u l-allegat tnehhija, tibdil, hsara ta' data ghal vantagg privat tieghu**

**<u>Artikolu 188 dikjarazzjoni falza lill-awtorita' pubblika</u>**

Hawnhekk ghandna akkuza ta' dikjarazzjoni falza u l-ligi tghidlek mhux biss dikjarazzjoni falza, imma dikjarazzjoni falza fejn wiehed jiehu vantagg. Mela hawnhekk il-prosekuzzjoni kellha tipprova illi fil-mument li saret dik id-dikjarazzjoni l-istess imputat kien jaf li dik id-dikjarazzjoni li qed issir hija falza u fit-tieni lok illi minhabba f'hekk hu ha xi vantagg.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija fl-4 ta' Gunju 2008 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton Vassallo**. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti xi tghid:

> "Din il-Qorti ma tistax ma tosservax, pero` – ghalkemm m'hemmx aggravju dwaru izda jista' jinfluwixxi fuq il-piena u ghalhekk dan il-punt qed jitqajjem *ex officio* – illi proprjament l-appellant ma kellux jinstab hati dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Ir-reat deskritt fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-Artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 il-Qorti qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

> **"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II* (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (*Trattato*, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun**

**issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin** ***"non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero"*****.**

**Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghall-persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F.,** ***op. cit.*****, p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."**

Fil-kaz in ezami, kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-appellant ma kien mitlub qatt jaghmel dikjarazzjoni, stqarrija jew jaghti taghrif f'dokument mahsub ghal awtorita` pubblika. (ara wkoll fl-istess sens Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Elton George Spiteri**, 23 ta' Marzu 2007).

Waqt dawn il-proceduri rrizulta li s-sistema komputerizzata tac-Cimiterju tal-Addolorata, kienet wahda mimlija difetti u ma kinux biss

difetti zghar u trivjali, ta' ftit importanza. Illi kif xehdu diversi impjegati tac-Cimiterju tal-Addolorata, id-*database* kienet mimlija zbalji ripetuti.

Il-Qorti tinnota li l-imputat qatt ma nnega li kien hu li dahhal l-informazzjoni fir-rigward tad-difna ta' Joseph Agius fis-sistema. Huwa dejjem kien konsistenti fix-xhieda tieghu, kemm meta rrilaxxa iz-zewg stqarrijiet (minghajr assistenza legali) u anke meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti.

Ix-xhud **Mario Cassar**[15] meta mistoqsi fuq id-difetti tas-sistema, kien car u jghid espressament:

> *Xhud: iva mela le jista jkollok tnejn, tlieta jekk inti ghamilt xi haga u ergajt ghafast li inti ha taghmel emenda dik ha tigi ripetuta*
>
> *(…)*
>
> *Xhud: is-sistema hekk qeghda, jekk iddum anke jekk iddum ftit…*[16]

Ix-xhud **Joan Gabriele** xehdet fuq id-difetti estensivi li kellha s-sistema komputerizzata tac-Cimiterju tal-Addolorata. Ix-xhud kienet ilha tahdem ic-cimiterju ghall-perjodu twil ta' seba snin flimkien mal-imputat, u li ghalhekk hija ghandha gharfien estensiv fuq l-operat tas-sistema. Joan Gabriele[17] xehdet illi:

[15] Seduta tat-3 ta' Novembru 2014.
[16] a fol 191.
[17] Seduta tat-12 ta' Frar 2016 a fol 230 et seq.

***Xhud:*** *is-sistema perezempju jkun hemm oqbra doppji anke izjed minn qabar wiehed… tidhol per ezempju fis-siustema ittih l-indirizz tal qabar u gieli jtellaghlek qabar wiehed u gieli jtellaghlek l-istess qabar imma b'informazzjoni differenti… tista tkun hemm difna go qabar wiehed u l-informazzjoni ta' difna go qabar iehor u qed nghidu fuq l istess qabar… iktar tard tghid… l-iktar ricenti jkollok perezempju mara mizzewga l-mejta meta tigi biex tiffidjalha l-kunjom jerga jtik kunjom xbubitha. Jigifieri inti fil-komputer tiffidjalu l-kunjom li tkun tajtha ta xebba pero awtomatikament hu jerga jaqlibha daqs li kieku ma tajtu xejn jigifieri jerga jiehu l-kunjom taz-zwieg…*

Ix-xhud terga' tghid a fol 232 tal-process:

*Xhud: (…) doppji u tripli ukoll- listess qabar l-istess reference number ikun iktar – illi dan gie ukoll korraborat mill-iscreen shots li prezenta l-imputat max-xhiedha tieghu, liema dokumenti huma mmarkati…….*

Fuq domanda ohra tad-difiza x-xhud tghid:

*Difiza: Ara sinjura meta inti ghidt ikun hemm gieli l-oqbra jidhru aktar minn darba l-istess oqbra, fhimtek sew li jkun hemm ukoll id-dettalji taghhom differenti? Jigifieri per ezempju qabar A hemm trid tkun medja, semmiha, u l-istess qabar A entry ohra tkun superjuri?*

*Xhud: Ezatt*

*Difiza: Jigiefieri mhux kienet se tikkombacja, taqbel ma xulxin ikun hemm differenti?*

*Xhud: Ezatt*

*Difiza: U din ta' aktar minn darba jew ta darba f' ill saret dawn il-problemi?*

*Xhud: Spiss. Spiss.*[18]

Il-persuni li kienu jhaddmu s-sistema kuljum ikkonfermaw li d-difetti li semma' l-imputat kienu effettivament jezistu.

Il-Qorti tinnota illi kif xehdu diversi persuni, l-imputat kien midhla sewwa tas-sistema ghaliex kien ilu jahdem biha ghal diversi snin. Is-sens komun jghidlek li l-imputat kieku verament ried jimmanipula r-*records* tad-dfin tas-Sinjura Aguis sabiex ikun jista' jidfen lis-Sur Agius fl-istess qabar, zgur li l-imputat kien jaf li s-sistema ser tkun qed tiehu *record* ta' kull bidla li huwa kien ser jaghmel.

Ix-xhud **<u>Stephen Cassar</u>**, rapprezentant tal-MITA, li originarjament kienet inkarigata mis-sistema komputerizzata tac-Cimiterju tal-Addolorata, meta mistoqsi mid-difiza ghal liema perjodu d-difetti li saret referenza ghalihom tul il-mori tal-kawza, u li ghamlu referenza ghalihom l-imputat u anke impjegati tac-cimiterju, kienu effettivament prezenti fis-sistema, ix-xhud ma kienx jaf iwiegeb ghal din id-

[18] a fol 334.

domanda.[19] Illi anke **<u>Stefan Saliba</u>**, rapprezentant tal-Locus qal ukoll li s-sistema kellha xi difetti.

In segwitu ta' dak li ntqal mill-assiem tal-provi prodotti f'dawn il-proceduri, ma jirrizultax li l-imputat ghandu b'xi mod jigu misjub hati tat-tieni, is-sitt u s-seba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u dan peress li dawn l-imputazzjonijiet ma jirrizultawx.

**<u>It-Tielet, ir-raba u l-hames imputazzjoni:</u>**

**Tibdil, u/jew dikjarazzjoni/ stqarrija falza li xjentement ghamel l-imputat sabiex jikseb vantagg u l-*computer misuse***

It-teorija tal-prosekuzzjoni li l-imputat ghamel uzu hazin tad-*data* sabiex jikseb vantagg finanzjarju ghalih billi 'jbabas' l-informazzjoni sabiex huwa jkun jista' jaqdi lill-familja Aguis u jidfen fl-istess qabar ma treggix, ghaliex kif xehdet is-Sinjorina Agius, kien hemm zewg oqbra ohra li setghu jintuzaw ghad-difna tas-Sur Aguis:

> *Xhud: ghandha tlett oqbra b kollox -kollha tal-familja taghhom- il qabar in kwistjoni, kaptella u qabar iehor -volidieri kieku kien hemm problema ma kellniex problema ta xejn. Tlett oqbra huma taghna u l-papa seta' ndifen hemmhekk.*[20]

[19] a fol 193.
[20] Seduta tat-23 ta' Lulju 2012.

**Dan il-fatt il-Qorti taghtu hafna piz ghaliex li kieku verament l-imputat kien konsapevoli li huwa ma setghax jidfen fil-qabar in kwistjoni, il-funeral xorta wahda kien 'jiehdu' hu u jidfen f'wiehed miz-zewg oqbra l-ohra. Illi ghalhekk ma kienx hemm bzonn tibdil fis-sistema mill-imputat minhabba l-interess privat tieghu fid-difna tas-Sur Agius kif allegat mill-prosekuzzjoni.**

Dwar ir-regola li trid tkun ghaddiet sena mill-ahhar difna hareg b'mod car waqt dawn il-proceduri li kien hemm drabi fejn din ir-regola giet sorvolata meta l-perjodu ta' sena jkun kwazi ghadda. Minn dak li xehed Mario Cassar, din kienet <u>*biss policy*</u> li ntirtet minn zmien il-Patrijiet, u kienet tigi osservata sempliciment minhabba prassi sanitarja relatata ma' *time frames* ghad-dikompozzizjoni tal-gisem:

> ***Xhud: no sa fejn naf jien qatt ma kienet bil-miktub anzi.***[21]

Ix-xhud <u>**Paul Micallef**</u> xehed li l kwistjoni tal-perjodu ta' sena minn difna ghall-ohra fl-istess livell, kienet iktar '*issue ta' sanita*' ghaliex id-'*decomposition tkun avvanzat bizzejjed illi allura jkun jista jinfetah.*'[22] Illi rrizulta wkoll li minn ricerka li ntalbet mill-istess Paul Micallef,[23] kien hemm okkazjonijiet precedenti ghall-kaz odjern fejn sar dfin fl-istess livell f'perjodu ta' inqas min sena. (*Vide fol 205 tal process.)* Micallef jikkorabora dak li qal l-imputat li gieli kien hemm drabi fejn jekk ikun baqa' biss xahar jew gimgha jew anke hmistax sabiex tkun effetivament ghaddiet sena, l-imputat u l-kollegi tieghu kienu jinfurmaw lil Cassar u

---

[21] a fol 188.
[22] a fol 197.
[23] Seduta tat-12 ta' Jannar 2015.

hu kien jaghtihom l-awtorizzazzjoni biex jindifen fil-qabar in kwistjoni. L-imputat xehed illi huma kienu jcemplu lil Mario Cassar li kien il-Principal, u kienu jinfurmawh li fadal biss gimgha jew hmistax u kien 'jghidilna go ahead ma ntelfuhomx post.' Illi l-imputat meta mistoqsi fuq kemm il-darba din il-procedura kienet tintuza, l-imputat kien qal li kienet tigri madwar darba jew darbtejn f'xahar.

L-imputat sostna illi wara l-funeral lanqas l-ufficcjali tal-gvern, (li kellhom ikunu huma li kellhom jigbdu l-attenzjoni tas-superjuri taghhom fuq il-fatt li kien hemm tebut iehor diga fil-wicc tal-qabar) ma dehrilhom li kellhom iwaqqfu l-funeral. Fil-fatt l-imputat xehed li:

> *Xhud: Meta tlajna fuq il-qabar biex issir id-difna l-qabar kien miftuh pero' fil-wicc kien hemm tebut u jiena dak il-hin ghidt jew kien hemm xi trasport minn xi qabar iehor jew inkella d-difna ta qabel ma nizluhiex tajjeb…. Jiena dak il-hin waqt il-funeral ma kontx qieghed hemmhekk bhala membru tal-gvern allura ma nistax nghidilhom isma dak x'inhu jew tidfnux ghalissa.*[24]

Meta l-imputat gie mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk id-difna ssirx xorta, huwa wiegeb fl-affermattiv, u cioe '*issir xorta iva*'. Meta rega' mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk dan kollu jsirx biss for *record purposes*, l-imputat iwiegeb '*iva… iva mhux se twaqqaf difna hux veru.*'

Kieku d-*database* kienet qeghda timmarka li kienet saret difna fil-livell superjuri, kif allegat mill-prosekuzzjoni, l-imputat, dejjem ghal grazzja tal-argument, lanqas kellu ghalfejn 'ibabas' il-livelli u/jew id-data

[24] Seduta tas-7 ta' Ottubru 2016.

ghaliex bhal ma kien jigri f'kazijiet ohra, kull ma kien jehtieglu kien li jitlob l-awtorizzazzjoni minghand Cassar u d-difna kienet ssehh xorta wahda.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha d-dover sabiex wara li fliet ix-xhieda tara jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reati moghtija lill-imputat li jikkoncernaw *computer misuse* kif kontemplat fl-Artikolu 337C (a) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-reati li jkkoncernaw l-uzu mhux kif awtorizzat fil-kompjuter jinsabu fis-sub-titolu V tal-Kodici Kriminali intitolat 'Of Computer Misuse' u gie introdott permezz ta' Att VII tas-sena 2010 u emendat b'Att VII tas-sena 2015.

Il-**Computer Misuse Bill** li hareg ghad-diskussjoni pubblika nhar it-18 ta' Novembru 2000 kienet wahda mit-tlett bills li hargu sabiex jikkriminalizza reati konnessi mal-uzu hazin ta' kompjuter. Din kellha bzonn framework regolatorju sabiex ikollna socjeta' elettronika u jidher li dan kien l-ghan ewlieni tal-ligi li kienet qed tigi diskussa. Din il-ligi giet proposta sabiex jigi indirizzat dan il-fattur ta' uzu hazin. Kif jirrizulta mid-dibattiti parlamentari tas-seduta tal-1 ta' Novembru 2000 l-allura Onorevoli Ministru tat- Trasport u Komunikazzjoni il-Perit Censu Galea gie raportat li qal is-segwenti:

> *"madankollu rridu niehdu ukoll il-mizuri legislattivi, il-passi legali necessarji irid ikollna l-framework legali ukoll, li permezz tieghu min jipprova b'xi mod jabbuza minn dik l-informazzjoni li jkun hemm fuq*

*is-sistemi li qieghdin insemmi attwalment ikun jista' jigi processat, attwalment tkun jista ukoll jittiehdu fil-konfront tieghu l-passi legali..."*

Pero' kif anke gie diskuss fl-istess seduta kif ser jigi rapportat, il-parlamentari hadu in konsiderazzjoni l-importanza li l-ligi nostrana tkun in linea ma' standards internazzjonali. Fis-sens li jkun hemm mhux biss ghajnuna reciproka internazzjonali f'materji ta' indole kriminali, izda li jkun hemm *standardisation of offences,* sabiex b'hekk ikun hemm uniformita' fir-reati. Ghalhekk il-mudell Malti huwa influwenzat bi kbir bil-konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa fuq Cybercrime u l-ligi Ingliza. Il-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali Dr. Austin Gatt meta kkummenta fuq dan il-Bill ta' Computer Misuse stqarr is-segwenti:

*"… mhux bilfors irridu nehduhom (direttivi tal-UE, UN et al) in konsiderazzjoni. Mela nistghu ninjoraw l-istandards li qed taghmel l-Ewropa, li qed taghmel l-Amerika, li qed jaghmlu l-Far East u li qed jaghmlu organizazzjonijiet Internazzjonali."*

Cio' nonostante pero' l-ligi dwar computer misuse ma gietx promulgata bhala ligi separata kif hemm f'diversi pajjizi Ewropej izda integrata fil-kodici penali u ghalhekk il-ligi dwar computer misuse taghmel referenza biss ghal certi istanzi ta' uzu hazin tal-kompjuter fejn ir-reati tradizzjonali li jistghu jigu kommessi bl-uzu ta' kompjuter gew imwarrba.

M'hemmx dubju li l-akkuzi li nghataw fil-konfront tal-imputat ilkoll jitkellmu u jaghtu cirkostanzi meta jista' jinghad li hemm uzu hazin ta' kompjuter. Huwa difficli hafna li tinghata definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi uzu hazin ta' kompjuter ghaliex kwalsiasi definizzjoni li tinghata trid ikollha tibdil kontinwu peress li t-teknologija li tintuza ghal kreazzjoni ta' reat fuq kompjuter tinbidel fi zmien qasir.

Peress illi din il-ligi hija modellata fuq il-ligi Ingliza maghrufa bhala Computer Misuse Act 1990 ikun utli li din il-Qorti tara jekk f'dik il-ligi nghatatx tifsira propizja. Fl-Artikolu 1 tal-Ligi Ingliza nsibu li l-access irid ikun mhux awtorizzat sabiex ikun hemm reat ta' computer misuse.

**Richard Card** fil-ktieb tieghu intitolat '**Criminal Law'**[25] jghid li dan ghandu jkun "*Access of any kind by a person is unauthorised if he is not entitled to control access of the kind in question to the program or data and he does not have access of the kind in question to the program or data and he does not have consent to such access from any person who is so entitled.*"

**Blackstone** fil-ktieb tieghu intitolat **Criminal Practice**[26] jiddiskrivi dan l-unauthorised access billi jipprovdi s-segwenti:

> "*Access of any kind by any person to any program or data held in a computer is unauthorised if (a) he is not himself entitled to control access of the kind in question to the program or data and (b) he does not*

[25] (Butterworths 1998 Edition) fol 381
[26] (Edition 1996 fol B18-1 pagna 643)

*have consent to access by him of the kind in question to the program or data from any peson who is so entitled"*

Infatti fil-ktieb intitolat **Computer Law**[27] ippublikat minn **Reed u Angel** b'referenza ghal Computer Misuse Act tar-Renju Unit, jinghad hekk:

*"First, there must be 'intent to secure access to any program or data held in any computer. . . . Second, the person must know at the time that he commits the actus reus that the access he intends to secure is unauthorised. The intent does not have to be directed at any particular program."*

Illi din il-materja hija pjuttost gdida ghall-Qrati Maltin tant li ma ssibx wisq gurisprudenza li taghti konfort lil min qed jiddeciedi kawzi bhal dawn. L-Artikoli 337 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregolaw din il-materja u cioe` l-Artikolu 337 huwa pjuttost miftuh ghal interpretazzjoni.

L-imputat gie akkuzat talli minghajr awtorizazzjoni ghamel *input* ta' xi *data software* jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-kompjuter li jkunu qieghdin jinzammu fih sew billi dawn ittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor li jkun kif kontemplat fl-Artikolu 337C (b). Minkejja li fl-Artikolu 337B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hemm diversi tifsiriet dwar kliem relatat mar-reati ta' uzu mhux kif provdut tal-kompjuter ma nsibu l-ebda tifsira tat-terminologija 'minghajr awtorizzazzjoni'.

[27] fis-sitt edizzjoni

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li effettivament l-imputat kif stqarr li hu kien dahhal l-informazzjoni fuq is-sistema. Jirrizulta li l-imputat kellu access ghall-kompjuter li kien qed juza kif fil-fatt kellu tul iz-zmien li kien impjegat fic-Cimiterju tal-Addolorata.

L-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 377C (f) talli "minghajr awtorizzazzjoni ha pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom".

Il-prevenzjoni ghall-access dejjem kien ta' interess ghal komunita' tal-kompjuters u dan sa mill-bidu taghhom kif hemm indikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa No 89(9) li jipprovdi dwar "*The prevention (or hindering) of access has grown to be a grave offence in todays information usability or intelligibility, the mere act of output is rendered illegal*".

Dan l-artikolu 337C (f) ghandu jinqara' flimkien mal-Artikolu 337C (4) li jipprovdi s-segwenti:

> (4) "*Għall-għanijiet tas-subartikolu (1)(f), persuna li minħabba li jkollha fil-kustodja tagħha jew taħt il-kontroll tagħha xi data, computer software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li ma tkunx awtorizzata li jkollha, għandha titqies bħala li tkun ħadithom fil-pussess tagħha*".

Dawn iz-zewg Artikoli jipprovdu ghas-serq ta' strutturi inkorporali ta' data, software u dokumentazzjoni ta' appogg. Il-kelma 'serq' hawnhekk hija wzata b'mod litterali u dan b'mod distint minn dak li komunement

huwa mifhum 'bit-tehid tal-oggett' jew '*making use of both implies the tangible loss of information from the rightful owner and in the case of software often a breach of other laws (such as the Copyright Act)*.'

L-artikolu 337C (4) jiffacilita d-dover tal-Prosekuzzjoni billi jipprovdi li t-tehid mhux awtorizzat ta' data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jimplika li dik il-persuna hadet il-pussess ta' dak l-oggett u dan l-agir jaqa' fil-parametri tas-sub inciz (f) tal-Artikolu 337C. Din il-kjarifika tipprovdi li l-persuna li ghandha l-pussess ta' tali materjal ma tistax tghid li ghandha pussess accidentali jew jekk taghmel hekk trid tipprova li ma kinitx taf b'tali pussess jew ma kellha l-ebda intenzjoni li jkollha tali pussess. Fil-kaz odjern jirrizulta li l-imputat kellu pusess ta' dan id-dokument u li dan kien gie fdat lilha ghall-uzu tieghu minghajr riservi sabiex juzah in konnessjoni max-xoghol tieghu. Minn imkien ma jirrizulta li effettivament l-imputat uza dan id-dokuement ghal haga ohra.

**KONKLUZZJONI**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju*

> *2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 ta' Ottubru 2006)."

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Il-kompitu ta' din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha skont il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta' dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn

hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista' jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista' legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skont il-ligi. Mehud kollox flimkien, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skont il-ligi.

Illi min-naha l-ohra meta l-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda tal-imputat minnu moghtija f'dawn il-proceduri setghet tinnota certu konsistenza f'dak li qal kif ukoll li l-attegjament u l-komportament tieghu ma taw ebda indikazzjoni li huwa ma setax jitwemmen.

Fil-kamp penali hu d-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza sal-inqas dettal u ma jispettax lill-imputat li jaghmel dan.

Il-Qorti thoss li dan il-kaz nibet fuq kwistjoni ta' pika fil-konfront tal-imputat. Dan il-fatt anke saret riferenza ghalih fix-xhieda ta' Malcolm Micallef, li jghid illi dejjem kien hemm diversi lmenti fil-konfront tal-imputat izda meta kien hemm inkjesta fil-konfront tal-imputat ma *'konna sibna xejn minn dak allegat.'*[28] Dan kien ikkonfermat bil-gurament mix-xhud Paul Bezzina, li dak iz-zmien kien membru fil-bord tal-inkjesta.[29]

[28] a fol 361 et seq.
[29] a fol 372.

Ix-xhud John Bray, li kien president tal-*Malta Hearse Association,* meta xehed f'dawn il-proceduri fuq il-*complaints* li kienu jsiru fil-konfront tal-imputat meta mistoqsi fuq fiex kienu jikkonsistu jghid illi:

*Xhud: Ha nghid hekk kwazi kwazi kollha ghax is-sur Laferla jahdem ic-cimiterju allura jkollu iktar cans li johdilna x xoghol bhala funeral director jigifieri…. Meta mistoqsi mid-difiza x'kienu jaghmlu fuq dawn il-complaints jghid li xej xejn. U anqas qatt ma tawni xi haga bil-miktub jew xi haga just complaints hekk biss.*

*Difiza: jigifieri hafna drabi qed nifhem sew Sur Bray jkun hemm ovvjament ghax dan hu suq ristrett*

*Xhud: Ezatt*

*….*

*Difiza: Jigifieri inti haga normali?*

*Xhud: U ta kuljum*

*Difiza: Eh ta kuljum, mhux tikkoncerna biss lis-Sur Laferla*

*Xhud: no no ta kuljum din kummissjonant bejn iehor*

*Difiza: hemm xi regolamenti jew m'hemmx regolamenti?*

*Xhud: Xejn. Min irrid lilek jrid lilek min jrid illi jiehu lili hux.*[30]

Ix-xhud Michelle Colombo,[31] minkejja hafna lmenti fil-konfront tal-imputat u minkejja li kienet <u>hija stess</u> li wara kollox ghamlet il-*complaint* mal-amministrazzjoni tac-cimiterju fil-konfront ta' Laferla, meta xehdet

[30] a fol 200.
[31] Seduta tas-7 ta' Mejju 2012.

quddiem din il-Qorti, fix-xhieda taghha kienet pjuttost vaga, tant li kienet insiet il-kunjom tal-familja u anke l-perjodu ta' meta kienu sehhew iz-zewg funerali, meta kienet proprju hi li marret taghmel stharrig <u>*qabel*</u> ma' miet is-Sur Agius biex f'kaz li tigi fdata bil-funeral tkun ga taf is-sitwazzjoni *minn qabel.* Dan ikompli jindika li effettivament din kienet biss kwistjoni ta' pika fil-konfront ta' Laferla minn kompetittrici li pretendiet li kellha terga' tigi nkarigata mill-funeral tal-missier galadarba hija kienet inkarigata mill-funeral tal-omm. Illi li kieku dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-imputat kienu vera u ta' certu gravita', certament illi x-xhud primarja kienet ser tiftakar tal-anqas il-kunjom tal-familja kkoncernata u l-perjodu.

Wara li din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni, ma tistax tehles mil-*lurking doubt* dwar jekk l-imputat kellux ix-xjenza mehtiega biex setghet tinstab htija tal-imputazzjonijet dedotti kontra tieghu.

Din il-Qorti qatt ma waslet biex tikkundanna lil xi hadd semplicement fuq suspett.

Illi ghalkemm jista' ikun hemm suspett f'dan il-kaz, madanakollu din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn dubbju dettat mir-raguni illi fil-fatt l-imputat huwa hati tal-akkuzi migjuba kontrih.

**Decide.**

Il-Qorti ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tilliberah minnhom.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**